FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 ta' Marzu 2014

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tletin (30) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjaħ it-Tletin (30) Laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nżammet **nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Rapport Finanzjarju tar-Raba kwart tas-sena 2013
10. Evalwazzjoni ta` Offerti
11. Hrug ta` Offerta tal-Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V
12. Hrug ta` Offerta – Gbir ta` Skart
13. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
14. Staff amministrattiv tal-Kunsill Lokali Floriana
15. Permessi tal-Karnival 2014
16. Pavimentar ta' Gnien il-Mall
17. Fondi mill-Unjoni Ewropeja
18. Parkeggi
19. Gonna u Soft Areas
20. Bankini u Asfaltar Balzunetta
21. Jum il-Floriana
22. Isle of MTV
23. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tletin (30) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**
**Is-Sindku Nigel Holland attenda wara materja nru 3.1.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Vici Sindku Matthew Paris.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tad-Disgha u Ghoxrin (29) Laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dawn jigu approvati fil-laqgha li jmiss minhabba li xi membri kienu ghadom ma qrawhomx.

1.2 Il-minuti tal-Laqgha Straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.3 Il-minuti msemmija f'1.2 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.4 Il-minuti tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.5 Il-minuti msemmija f'1.4 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq korrispondenza minghand is-Sur Anton Zarb fejn ikkontesta d-decizjoni tal-Kunsill li jigi mmultat 10% tal-kont finali minhabba dewmien fit-tlestija tax-xoghol.

**Nota: 17:36 Is-Sindku Nigel Holland attenda ghal-laqgha.**

3.1.1 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li sa dakinar, ix-xoghol fuq il-bookbox ghadu ma giex komplut u kien ghad fadal x'isir bhall-art u l-ixkafef.

3.1.2 Ghalhekk il-Kunsill ma laqax it-talba tas-Sur Anton Zarb li tigi rtirata l-multa imposta.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq komunikazzjoni minghand is-Sur Reggie Fava fejn saqsa jekk il-Park & Ride tieqafx fil-Floriana. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Vincent Borg ghandu jivverifika ma' Transport Malta.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kwistjoni li l-Kunsill kellu pendenti ma' DJS Trading u talab lill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex jispjega.

3.3.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ricentement kien gie avvicinat minn persuna f'isem il-kumpanija fejn informatu li l-kumpanija kellha problemi finanzjarji. Hija nformatu wkoll li l-kumpanija kienet qed tirrikonoxxi li ghandha d-dejn mal-Kunsill Lokali Floriana u ghalhekk ipproponew li jintlahaq ftehim fejn, b'permezz ta' tpartit ta` xoghol, jithallas id-dejn dovut lill-Kunsill.

3.3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg esprima t-thassib tieghu jekk din il-proposta kinietx legalment korretta.

3.3.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li din il-proposta kienet difficli tintlaqa' minhabba diversi ragunijiet..

3.3.4 Ghalhekk il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa' t-talba ta' DJS Trading.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Middlesea fejn informaw lill-Kunsill li kienu ser ikunu qed jaghmlu manutenzjoni fuq il-faccata kollha taghhom. Biex dan isir, ser ikun hemm bzonn li l-Kunsill inehhi temporanjament id-dawl dekorattiv li hemm mal-pilastri tal-logog sakemm isir ix-xoghol mehtieg.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-ammonti dovuti mill-Green MT u saqsa lill-Kunsill kif ser jipprocedi. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghatilhom ittra legali u jkompli jinsisti li jhallsu l-flus dovuti lill-Kunsill.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fil-proposta li kien ressaq sabiex il-Kunsill jitlob lill-Wasteserv statistika ufficjali ta' kemm ingabar skart mil-lokalita'. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ser jiehu hsieb jaghmel it-talba ghall-informazzjoni.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand Roderick Farrugia tal-American Meals fejn talab lill-Kunsill sabiex jikkunsidra tnaqqis fis-somma dovuta minnu fir-rigward tal-esklussivita' dakinhar tac-Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena. Il-Kunsill ma laqax it-talba tas-Sur Farrugia ladarba l-ispejjez tal-Kunsill kienu saru xorta wahda u li gara, ma kienx tort tal-Kunsill.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand il-Kazin tal-Banda Vilhena fejn offrew lill-Kunsill jirreklama fuq il-pubblikazzjoni tal-festa. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' t-talba bil-kundizzjoni li dan ir-reklam ma jaqbizx l-ammont imhallas fis-sena precedenti. Il-Vici Sindku Matthew Paris sostna li l-Kunsill ghandu jirreklama wkoll il-facilitajiet tieghu kif ukoll l-attivita' tal-Festival tan-Nar. Il-Kunsill qabel.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kazin tal-Banda Vilhena fejn talbu konferma jekk hux ser isir il-marc tas-soltu tal-Floriana Day. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jsir.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand NNG Promotions sabiex jitlob permess ghall-kuncert annwali tat-tenur Joseph Calleja li ser isir fit-18 ta' Lulju 2014.

3.10.1 Il-Vici Sindku saqsa jekk il-kuncert hux ser jerga' jkun b'xejn minhabba li f'dak il-kaz ihoss li ghandhom jibidlu l-kundizzjonijiet u jizdiedu iktar mobile toilets, sigurta', ecc. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

3.10.2 Il-Kunsill qabel ukoll li m'ghandhomx jintalbu ammont ta' biljetti kumplimentari ghar-residenti f'kaz li l-kuncert ikun miftuh ghall-pubbliku wkoll.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fl-iSkema ghall-Accesssibilta' u saqsa jekk il-kunsillieri kienux hasbu f'xi progetti li setghu jigu proposti.

3.11.1 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk jistax jaghmel applikazzjoni sabiex jirranga l-lift li hemm mal-faccata tad-Dar tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din ma tantx tinkwadra fil-kundizzjonijiet tal-iskema.

3.11.2 Il-Kunsill qabel li jevalwa l-possibilta biex jipproponi li jsir lift fid-Dar tal-Kunsill.

3.11.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li ssir bandla ghall-persuni f'dizabbilta' fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill irrimarka li fil-passat kien hemm wahda li kienet tkissret / vandalizzata u tnehhiet.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat bi proposta biex isiru xi korsijiet ta' lezzjonijiet tal-Malti u l-Ingliz fid-Dar tal-Kunsill, bil-prezz imhallas minn kull tifel/tifla ikun ta' €45. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand TCTC fejn ipproponew li ghal darb'ohra jittella' kors tal-kompjuter bil-prezz ta' €1150. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li TCTC kien wieghed lill-Kunsill li wara li l-Kunsill hallas ghall-ewwel kors, ta wara ser jinghta b'xejn. Il-Kunsill qabel mal-proposta ladarba l-kors ma kien ser jiswa' xejn lill-Kunsill.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-kamra abbandunata li hemm fi Pjazza Sir Luigi Preziosi u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku wiegeb li hu kien gie avvicinat minn persuna li ssostniet li din il-kamra tappartjeni lill-familja taghha. Huwa qal li ghandu jitlob lill-persuna kkoncernata sabiex tipproduci dokumenti li jipprovaw dak li qed issostni. Il-Kunsill qabel li ghandu jinsisti li din il-kamra taqa' jekk ma tappartjeni lill-hadd izda jekk tappartjeni lil din il-persuna allura l-Kunsill ghandu jinsisti li din il-kamra ghandha tigi rrangata u li ghandu jitnehha kull periklu minnufih.

4.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-attivita' ta' St Patrick's Day organizzata l-gurnata ta' qabel u saqsa jekk il-Kunsill harigx xi permessi ghall-bars li kien hemm tal-ikel. Is-Sindku wiegeb li mill-Kunsill ma kienu nhargu l-ebda permessi u li kien diga nforma lill-Floriana Ajax biex ma jergghux jingiebu stalls minghajr ma jinformaw u bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

4.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li kien kuntent hafna bl-attendenza tal-gurnata ta' qabel u li kien sodisfatt hafna bil-coverage moghti mill-PBS. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kien hemm ukoll xi gurnalisti tan-Net TV.

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk kienx lest l-indirizz tieghu ghall-pubblikazzjoni tal-iSkola Primarja. Is-Sindku qal li kellu jlestih l-ghada.

4.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li c-cangaturi tal-bankina ta' quddiem l-Oklahoma bar kienu qed jiccaqalqu u saqsiet lis-Sindku x'jista' jsir dwar dan. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li x-xoghol kien sar dak inhar filghodu mill-haddiema tal-Kunsill.

4.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien attenda ghac-celebrazzjonijiet tal-Milied tal-istudenti tal-iskola -iskola sekondarja tal-Hamrun u ppropona li l-Kunsill jaghmel ghotja ta' kotba ghal-librerija tal-istess skola. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ipprezenta l-minuti tal-ahhar laqgha tas-sottokumitat taz-zamma pubblika sabiex jigu ccirkolati.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ukoll il-minuti pprezentati mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili tal-ahhar laqgha tas-sottokumitat ghall-Avvanz u l-Ugwaljanza tal-Mara.

5.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona tliet persuni bhala membri tal-Kumitat Organizzattiv ta' St Patrick's Day: Chis Brincat, Ryan Agius u Jonathan Holland. Il-Kunsill approva.

5.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien attenda ghar-riceviment organizzat mill-Ambaxxata Irlandiza u mieghu kien stieden lis-Sur Joe Hili, chairman tas-Sottokumitat ghar-Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali. Huwa kompla billi qal li matul dan ir-riceviment kien iltaqa' mas-Sur Tony Zahra. rapprezentant tal-Fexco li offra lill-Kunsill sabiex jiffinanzjaw il-parata ta' St Patrick's Day fis-sena li jmiss.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 82-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-pagament nru 11896 u qal li dan il-pagament ma kienx gie approvat mill-Kunsill.

7.2.1 Is-Sindku wiegeb li dan il-pagament kien subsistance allowance ghaz-zjara tieghu fi Brussell.

7.2.2 Huwa zied jghid li din kienet zjara ufficjali li ghaliha kienu mistiedna numru ta kunsillieri minn Malta u Ghawdex..

7.2.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostniet li kull pagament ghandu jigi approvat mill-Kunsill kollu.

7.2.4 Is-Sindku Nigel Holland skuza ruhu u qal li kien assuma li mhux ser ikun hemm oggezzjoni ladarba din kienet zjara ufficjali fuq stedina mill-Unjoni Ewropeja.

7.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11891 sa 11913 kif ukoll iz-zieda tac-cekk imsemmi f'materja nru 7.2, bir-rizultat:

Favur: 5 (MP, ET, DSH, NH, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li wara site visit, kien gie nformat li kien hemm bzonn li jizdied id-dawl fil-kamra tal-kunsilliera sabiex ikun jista' jsir live streaming tajjeb. Huwa qal li l-Kunsill kellu tliet alternattivi: bdil tal-floodlights ezistenti: ikbar u LED, installazzjoni ta' linfa jew installazzjoni ta' rope lights. Il-Kunsill approva li ghandhom isiru floodlights LED bil-prezz ta' €65-il wahda eskl. VAT.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Rapport Finanzjarju tar-Raba kwart tas-sena 2013

9.1 Is-Sidku fetah id-diskussjoni billi pprezenta r-rapport finanzjarju tar-raba kwart tas-sena 2013 u talab lis-Segretarju jghati spjegazzjoni.

9.2 Is-Segretarju spjega fil-qosor dak li kien jinvolvi r-rapport finanzjarju.

9.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris ghall-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tar-Raba kwart tas-sena 2013, u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, VB, NH, DSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Evalwazzjoni ta' Offerti

10.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv jiftah id-diskussjoni. Hu qal li kien hemm zewg sejhiet ghall-offerti li ghalqu dakinhar li kienu:

10.1.1 **Kiri ta' Crash Barriers**

10.1.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm tliet offerti.

10.1.1.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kjarifika dwar l-orhos offerent.

10.1.2 **Provizjoni ta' Sawnd u Dawl**

**Nota: 18:26 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat minhabba kunflitt t'interess.**

**Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

10.1.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghal din is-sejha kienu gew sottomessi tmien offerti.

10.1.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur l-ghazla ta' Amac Ltd. peress li kien l-irhas offerent u anke minhabba li l-Kunsill kellu diga esperjenza pozittiva ma' dan il-kuntrattur, issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 18:29 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**
**18:30 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

## 11.0 Hrug ta' Offerta tal-Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kienet instabet kopja tal-ittra li l-Kunsill kien bat lill-Awtorita tat-Turismu rigward il-hrug ta' permess tal-gabbana fil-KGV.

11.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill ma setghax jigi ikkuntat minhabba li s-sentenza tal-appell fuq l-offerta tas-Servizz tal-Avukat ghada ma waslitx. Huwa zied li kien ikkuntattja diversi drabi lill-Avukat Angele Vella tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn ricentement informatu li kellu jinghata risposta sa din il-gimgha.

**Nota: 18:30 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

11.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jitlob li l-permess jigi rtirat sabiex sussegwentement tkun tista' terga' ssir applikazzjoni ghall-permess li jsir f'isem il-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx minhabba d-dewmien ta' dan il-process.

11.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghalhekk ippropona li l-Kunsill jibghat ittra lill-persuna in kwistjoni u jtih cans ghaxart ijiem sabiex jirrisolvi l-materja u jghati lura l-permess lill-Kunsill.

**Nota: 18:35 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

11.5 Il-Kunsill qabel ukoll li l-Kunsill ghandu jiccirkola d-draft tas-sejha ghall-offerti qabel ma johrog ghall-pubbliku.

## 12.0 Hrug ta' Offerta – Gbir ta' Skart

12.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah id-diskussjoni billi qal li ghalkemm il-kuntratt kien jonqsu biex jintemm, il-Kunsill kien gie mitlub jibda' l-process ta' sejha ghall-offerti sitt xhur qabel.

12.2 Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi spjega li kien ghamel xi kambjamenti zghar u saqsa jekk il-Kunsill kienx ser izomm il-gabra tal-iskart normali nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hadd.

12.3 Il-Kunsill qabel li l-gabra tal-Hadd ghandha tkun separata u tintalab b'mod optional.

12.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li wahda mill-kundizzjonijiet fit-tender il-gdid hi li l-kuntrattur irid ikun lest jakkomoda xi bidliet mitluba mill-Gvern minhabba l-istrategija Nazzjonali dwar l-Immanigjar ta' l-Iskart.

**Nota: 18:40 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

12.5 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li f'kaz li jkun hemm xi kambjamenti fl-operatur tar-ricikklagg, hemm possibilta' li l-Kunsill ikun mitlub inehhi l-gabra tal-borza s-sewda tat-Tlieta u dan minhabba li tali gabra tista' tiskoraggixxi lill-individwu milli jirricikla.

12.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-gabra tal-borza s-sewda ta' nhar ta' Tlieta ghandha tintalab b'mod optional ukoll. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 18:44 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

12.7 Is-Segretarju Ezekuttiv semma wkoll li saru xi tibdiliet fil-lista ta' stabbilimenti li l-Kunsill ma jigbrilhomx l-iskart.

**Nota: 18:47 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

12.8 Il-Kunsill qabel li r-ristorant li hemm f'Haywharf ghandu jitnehha minn din il-lista ladarba l-Kunsill jigbor l-iskart ta' ristoranti ohrajn.

12.9 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-iskip li hemm fiz-sona tal-Arena tal-Indipendenza u saqsa jekk din ghandiex titnehha.

**Nota: 18:50 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

12.10 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-offerent maghzul forsi jipprovdi prezz ridott ghall-iskip ladarba jkun diga qed jigbor l-iskart tal-lokalita'.

## 13.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li mis-sena d-diehla ser jipproponi li jkun il-Kunsill li jistabbilixxi l-granet tal-akkomodazzjoni tal-gurija, ghax mhux sew li nigu mitluba li nakkomodaw lill-gurija ghal granet aktar milli hu mehtieg.

13.2 Is-Sindku kompla billi qal li din is-sena l-akkomodazzjoni regghet giet *sponsored* mill-Grand Hotel Excelsior.

13.3 Huwa kompla billi qal li kien ser ikellem lis-sid tar-ristorant il-gdid Haywharf rigward il-possibilta' li jaghti sponsor ghall-ikla ta' wara nofsinhar li ssir ghall-gurija b'mod annwali.

13.4 Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li rigward il-filming tal-attivita', din is-sena l-Kunsill ser ikollu bzonn ihallas lil xi hadd.

## 14.0 Staff amministrattiv tal-Kunsill Lokali Floriana

14.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ittra mill-iskrivana Fiona Said fejn informat lill-Kunsill li kienet intaghzel ghal kariga ta Segretarju Ezekuttiv f'kunsill iehor.

14.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li minhabba f'hekk kien hemm bzonn li jidhol impjegat gdid.

14.3 Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa li jsir kambjement holsitiku, jinbidlu l-irwolijiet tal-impjegati ezistenti u minflok fulltimer, jigi impjegat part-timer back-to-back fuq Customer Care.

14.4 Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u qabel li ghandu jippromwovi lill-iskrivana Emmanie Borg Bonaci ghal Skala 11 fejn tassumi l-irwol ta' Assistent Principal fuq xoghol ta' accounts kif ukoll li jippromwovi lill-iskrivan Godwin Azzopardi ghal Skala 13 fejn jassumi l-irwol ta' Ufficjal Ezekuttiv fuq xoghol ta' Customer Care u Events Co-ordinator. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu johrog sejha ghal post vakanti ta' skrivan fi Skala 15, fuq bazi ta' part-time li jassumi l-irwol ta' Customer Care officer. Tali decizjonijiet ghandhom ikunu b'effett immedjat hekk kif tinghata approvazzjoni mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

14.5 Giet diskussa wkoll l-eventwalita' li tirritorna l-impjegata Fiona Said la darba ghandha din il-possibilta' u fakulta. Fejn il-Kunsill qabel li f'dan il-kaz l-impjegata mhux bilfors tassumi l-irwol li thaddan prezentement izda tinghata x-xoghol li jkun hemm bzonn dakinhar tal-eventwalita'.

14.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili issuggeriet li l-Kunsill jikkunsidra lill-Josephine Cuschieri, li diga ghandha esperjenza fil-Kunsill izda s-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li wara li

kien tkellem maghha, irrizulta li hi ma kienetx tilhaq ir-rekwiziti kollha. Minkejja dan, is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu xtaq li jaghti naqra iktar responsabbilta' lil din l-iskrivana ladarba hija kienet tiehu inizjattiva u kellha kwalitajiet xierqa.

## 15.0 Permessi tal-Karnival 2014

15.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien qed jittama li jkollu rapport mis-Supretendent Mallia ta' xkien sab fir-rigward tal-gabbani armati fi zmien il-Karnival izda tali rapport kien ghadu ma giex ipprezentat.

15.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fil-lista tal-applikanti kien hemm kwistjoni inkwetanti u dan minhabba li kien hemm applikanti li kellhom iktar minn permess wiehed. Huwa qal ukoll li kien gie infurmat le setgha kien hemm abbuzi fuq il-permessi fejn il-permessi ta' sikwit jinbieghu.

15.3 Is-Sindku qal li fuq il-kwistjoni tal-ahhar, kien xoghol il-Pulizija li jassiguraw li l-persuna li hemm fuq il-post hija proprju l-applikant.

15.4 Rigward applikant wiehed li jkollu iktar minn permess wiehed, il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika jekk legalment dan hux permess u dan minhabba li ma kinix sew li wiehed jirtira permess minghajr raguni.

15.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-istaff amministrattiv kien qed jiffaccja problemi fir-rigward ta' min jigi jigbor il-permess u dan minhabba li jkun hemm persuni li jigbru l-permessi ta' haddiehor minghajr problemi ta' xejn izda jkun hemm ukoll persuni li jippruvaw japprofittaw ruhhom minn dan il-fatt. Ghalhekk hu kien qed jisuggerixxi li mis-sena ta' wara, il-Kunsill jadotta procedura fejn il-permess irid jinqata' bilfors mill-applikant u dan biex jigu evitati l-abbuzi. Il-Kunsill qabel mal-procedura suggerieta.

15.6 Is-Segretarju Ezekuttiv semma wkoll li kien hemm applikanti li kienu qed jitolbu li jzidu l-generu tal-bejgh bhal ezempju li jbieghu kemm ikel u xorb kif ukoll gugarelli permezz tal-istess permess.

15.7 Is-Segretarju Ezekuttiv esprima t-thassib tieghu minhabba diversi ragunijiet bhalma huma avvenimenti li jkollhom esklussivita' ta' bejgh ta' ikel u xorb kif ukoll ragunijiet ta' kontroll fuq dak li jkun qed jigi mibjugh, ecc.

15.8 Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu parir legali rigward il-materja precedenti u dan minhabba li l-ligi m'hijiex cara f'dan ir-rigward.

## 16.0 Pavimentar ta' Gnien il-Mall

16.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li l-pavimentar ta' Gnien il-Mall sar verament perikoluz minhabba li dan sar jizloq immens specjalment meta taghmel ix-xita.

16.2 Is-Sindku kompla billi ssuggerixxa li l-Kunsill jipproponi lill-Gvern sabiex ikun jista' jsir xi haga rigward din is-sitwazzjoni.

16.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jinsab informat li l-Gvern kien qed jahdem fuq progett fejn isir restawr ta' hames gonna permezz tal-V18.

16.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu xorta jhoss li din il-materja ghandha titressaq quddiem il-Gvern ladarba kien ghad m'hemm xejn ikkonfermat ufficjalment.

16.5 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni wkoll ghall-manutenzjoni li hemm bzonn li ssir mill-ELC. Huwa pprezenta wkoll kopja ta kuntratt li tipprova li tali manutenzjoni ghandha ssir mill-ELC fi Gnien il-Mall u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jinsisti li x-xoghol mehtieg isir.

16.6 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jikteb ittra lill-V18 sabiex jitlob laqgha maghhom li matulha jigu diskussi l-pjanijiet li ghandhom ghall-gonna tal-Floriana.

## 17.0 Fondi mill-Unjoni Ewropeja

17.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li jinsab informat li bhalissa kien difficli li l-Kunsill japplika ghall-fondi mill-Unjoni Ewropeja.

17.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jahtar EU Officer li jithallas skont l-ammont tal-fondi li jinkisbu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

17.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jikkuntattja lill-Alfred Triganza li huwa tajjeb hafna f'dan il-qasam. Il-Kunsillier Vince Borg iddikjara li s-Sur Triganza huwa kugin tieghu.

**Nota: 19:35 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 18.0 Parkeggi

18.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni u qal li kien avvicinat minn membri tas-Segretarjat Parlamentari ghall-Kultura u l-Gvern Lokali fir-rigward tat-tnehhija tal-parkegg tal-Caritas.

18.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kienet tkellmet ma' Audrey Testaferrata De Noto rigward it-tnehhija tal-parkeggi riservati fejn din ma kienet tat l-ebda risposta konkreta u ndikat li dawn ghandhom jitnehhew ghad-diskrezzjoni tal-Kunsill.

18.3 Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill kellu bzonn jahdem sabiex jaghmel pressjoni biex isir iktar off street parking u dan minhabba l-problema kbira ta' parkegg li ghandha l-lokalita'.

18.4 Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Vincent Borg dwar il-progress fuq it-tnehhija tal-kumplament tal-parkeggi riservati li m'humiex intitolati bil-ligi. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien qed jahdem biex dawn jitnehhew u fakkar ukoll fil-parkegg riservat li kellha l-Kurja.

**Nota: 19:40 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

18.5 Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jerga' jrodd parkegg riservat lill-CARITAS u dan ladarba dawn ma kienux intitolati ghall-parkegg riservat skont il-linji gwida mahruga minn Transport Malta. Il-Kunsill qabel li hu ma jsib l-ebda oggezzjoni jerga' jaghmel dan il-parkegg riservat jekk il-linji gwida jistipolaw dan.

18.6 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jkompli bil-pjan li jnehhi kull parkegg riservat li mhux skont il-linji gwida ta' Transport Malta.

## 19.0 Gonna u Soft Areas

19.1 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah il-materja billi ghamel riferenza ghal zewg bankijiet li hemm fil-passagg ta' Gnien Preziosi u ssuggerixxa li dawn jinqalghu u jitwahhlu ghad-dell

quddiem il-faccata tal-kwartieri tal-Malta Playing Fields Association. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta minhabba li l-post huwa utilizzat minn entita' ohra u jintuza.

19.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-proposta tal-Kunsill sabiex jigu elevati xi bankijiet. Huwa qal li hu kien ivverifika fejn gie propost pjan ta' kif dawn jistghu isiru permezz li ssir targa zghira. Huwa kompla billi spjega li jistghu jinqalghu xi bankijiet milli diga hemm u jsir uzu minnhom.

19.3 Is-Sindku qal li wiehed jehtieg joqghod attent liem bankijiet spostjati u dan minhabba li l-gnien ikun iffrekwentat hafna fis-Sajf u t-tnehhija ta' tali bankijiet tista' taffetwa lil dawk li jaghmlu uzu minnhom. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jinzel fuq is-sit sabiex jiddeciedi liema bankijiet jistghu jitnehhew.

19.4 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kienet bdiet issir iz-zabra ta' xi sigar fi Gnien Preziosi kif ukoll fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Huwa kompla billi qal li kien hemm persuna li rraportat dan ix-xoghol u ghalhekk issa kien hemm bzonn li l-Kunsill iressaq applikazzjoni l-MEPA fejn il-Kunsill irid jelenka u jiehu ritratt ta' kull sigra li ser tinzabar.

19.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet ukoll li kien hemm sigra mejta li hemm bzonn li titnehha. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ghandu jinvestiga.

19.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq talba biex parti zghira mic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V titranga b'tali mod li fiha jkun jista' jsir il-loghob tal-bocci. Il-Kunsill qabel li ghandu jara din il-proposta kemm spejjez tinvolvi.

19.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat lill-Kunsill li ghal darb'ohra, ic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V rega' kien miftuh tard bil-lejl kemm is-Sibt li ghadda kif ukoll ta' qabel.

19.7.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien hemm bzonn li l-Kunsill jaghmel xi haga minhabba li l-kuntrattur ma kienx qed jisma' u l-multi ma kienu qed iservu ghalxejn.

19.7.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-kunsillieri ma kienux watchdogs u l-kuntrattur ghandu jaghmel xogholu sew minhabba li dan l-agir kien abbuz kbir.

19.7.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill ghandu jimxi ma' kull kuntrattur l-istess u jemenda l-kuntratti kollha sabiex kulhadd ikun jista' jehel l-istess pieni. Huwa zied jghid ukoll li kien hemm kuntratturi ohra li wkoll ma kienux qed jaghmlu xoghlhom sew.

19.7.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-kuntratt jistipulax ammont ta' multi li jridu jintlahqu qabel jigi tterminat il-kuntratt.

19.7.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili kompliet issostni li l-Kunsill ma setax jibqa' jimmulta biss lill-kuntratturi ghax bhal f'dan il-kaz, dawn ma kienu qed jiswew ghal xejn minhabba li l-kuntratturi xorta jibqghu jabbuzaw. Hija qalet li dan il-kuntrattur kien qed ikompli jabbuza mill-fondi tal-Kunsill minkejja l-ammont ta' multi li l-Kunsill kien qed jimmultah.

19.7.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni sabiex jigi tterminat il-kuntratt tal-kuntrattur Karl De Flavia, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Ittiehed vot favur din il-mozzjoni, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, DSH)
Kontra: 3 (NH, MP, ET)
Astensjonijiet: 0

19.7.7 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jimmulta lill-kuntrattur Karl De Flavia ghal zewg nuqqasijiet fejn il-gnien kien thalla miftuh zewg Sibtijiet wara xulxin.

## 20.0 Bankini u Asfaltar Balzunetta

20.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li wara li tkellem mal-kuntrattur Dion Galea, dan kien informah li kien qed isib problema finanzjarja sabiex ikompli x-xoghol ladarba kien qed idum hafna ma jithallas mill-Kunsill.

20.2 Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li s'issa l-Kunsill kellu jtih madwar €6000.

20.3 Is-Sindku informa li kienet inzammet laqgha mal-Housing Authority fejn kienu gew diskussi l-flus dovuti lill-Kunsill fost affarijiet ohra.

20.4 Huwa kompla billi qal li kien gie deciz li l-Kunsill jerga' jaghmel talba formali biex jinghata l-flus li gew imweghda ladarba dawn kienu gew approvati.

20.5 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jghaddi kopja tal-minuti tal-laqgha lill-kunsillieri.

20.6 Il-Kunsill qabel li ghandu jkompli jinsisti mal-Awtorita' tad-Djar biex jinghata l-flus dovuti lilu.

## 21.0 Jum il-Floriana

21.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ppropona li wiehed mill-personaggi onorati dakinhar ta' Jum il-Floriana ikun Benny Camilleri. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

21.2 Il-Kunsill ippropona wkoll lill-Guzeppi Schembri (it-Tripolin), lill-Adrian Cachia u lill-Michael Frendo. Il-Kunsill qabel.

21.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li s-sena l-ohra kien ippropona lil John Lopez izda ma kienx instab ritratt tieghu. Ghalhekk huwa rega' ppropona lil dan il-personagg ghal din is-sena. Is-Sindku qal li kien hemm bzonn li jinstab ritratt sew u ta' kwalita' tajba biex ikun jista' jkun tajjeb ghall-printing.

21.4 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li ssoltu il-Kunsill jipprova jaghmel tahlita ta' personaggi li ghadhom hajjin kif ukoll personaggi li hallewna.

## 22.0 Isle of MTV

22.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghal-laqgha li kellha ssir bejn il-kunsillieri rigward din l-attivita'.

22.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ladarba l-laqgha ma kinietx saret, il-proposti setghu jitressqu u jigu diskussi matul dik il-laqgha.

22.3 Huwa beda' billi qal li kien ipprepara elenku ta' kundizzjonijiet li ser jipprezenta lis-Segetarju Ezekuttiv. Huwa zied jghid li fost dawn il-kundizzjonijiet kien hemm il-bzonn li l-hasil tat-toroq jestendi lil hinn mit-toroq taz-zona tal-esklussivita' biss u ghandu tal-anqas ikopri z-zona ta' Balzunetta u anke xi toroq ohrajn.

22.4 Il-Vici Sindku qal ukoll li hemm bzonn li n-numru ta' gwardjani lokali jizdied b'mdwar ghaxar gwardjani lokali ohrajn li jkollhom Pulizija kull wiehed jakkumpanjahom.

22.5 Il-Vici Sindku qal ukoll li hemm bzonn li jinghalqu sew iktar toroq residenzjali u dan biex jigu evitati l-abbuzi fuq djar residenzjali, ecc.

22.6 Il-Vici Sindku semma wkoll il-bzonn li l-mobile toilets jitnehhew immedjatament wra l-kuncert jew mhux aktar tard mis-7am tal-ghada. Huwa qal ukoll li l-kiosks kollha ghandhom igibu mobile toilet kull wiehed u li ghandha tinghata direttiva li t-toilets tal-hwienet ma jinghalqux u ghandhom ikunu accessibli ghall-pubbliku. Il-Vici Sindku qal li huwa jemmen li ser jonqos hafna l-hmieg jekk kulhadd isegwi dawn il-kundizzjonijiet u ppropona wkoll li jsiru tabelli li jindikaw b'mod car fejn jinstabu t-toilets.

22.7 Il-Vici Sindku qal ukoll li hemm bzonn li jizdiedu l-foot patrols kif ukoll li l-mobile toilets ghandhom jitnehhew miz-zona residenzjali.

22.8 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-mobile toilets ghandu jkollhom id-dawl fuq gewwa u li jitpoggew x'imkien imdawwal, possibilment taht id-dawl tat-triq jew taht xi fustun bid-dawl li jitwahhal apposta.

22.9 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hemm bzonn jingieb ukoll il-mobile toilet il-kbir apparti l-mobile toilets iz-zghar.

22.10 Il-Kunsill qabel mal-kundizzjonijiet kollha proposti hawn fuq u qabel li ghandu jghaddi dan is-sett ta' kundizzjonijiet kif ukoll il-kundizzjonijiet imposti ssoltu lill-Awtorita' tat-Turizmu.

**Nota: 21.15 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

22.11 Il-Vici Sindku ppropona li ssir konferenza stampa biex ikunu jistghu isiru l-appelli necessarji biex jitwassal il-messagg li l-infurzar ser ikun iktar qawwi f'din l-edizzjoni tal-kuncert.

## 23.0 Aġġornament tal-laqgħa

23.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Erbgha 16 t'April 2014 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.20.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv